# IT-TOQOL TA' DELLI

Ta' Karmenu Ellul Galea

Niftakarni minn tfuliti
bid-dell jimxi ma' saqajja,
l-ewwel fraħt għoddejtu b'logħba
mbagħad baqa' jsus warajja.

Sa ma kiber ma' xjuħiti
ġiebni kollni taħt idejh
herra 'l ħsiebi, sewwes ġismi
bħall-irsir mitluq għal bejgħ.

Mhux biss barra 'mma wkoll ġewwa
jew mal-ħbieb sa ġol-każin,
sew ġol-knisja kemm f'tijatru,
fuq ix-xogħol jew f'terrazzin.

Kullimkien insibu wrajja
ukoll meta nkun magħluq
fid-dlam iebes ta' kamarti
jew minn isfel nitla' fuq.

U niftakar qisu l-bieraħ
fil-pulitka kemm fl-għaqdiet
bla nkun naf jaqbeż ma' ġenbi,
ma jħallini qatt fil-kwiet.

Dana delli s-salib tiegħi
għaliex bħalu nħossu tqil
ukoll jekk ninżel ġol-qabar
xorta jibqa' mqit, qalil.

L-anqas kelma, l-anqas ċajta
bih ma nista' ngħid mal-ħbieb,
jindaħalli wkoll f'xi daħqa
jew f'xi ħarsa ta' bla ħsieb.



Hu x'inhu, inħossni mjassar
sew fil-fehma kemm fl-ilsien
ukoll jekk ilsieni nrabbat
jew ninqata' ftit ħosbien.

Nagħmel x'nagħmel, jiena l-ħati
ukoll f'għelt li ma nkunx fih,
kollox jidwi kbir u ikreh,
qatt qatt qatt xi ftit sabiħ.

U nitkellem bejni w ruħi:
għax inħossni fgat u ltim?
Jien inżomm li l-ħaqq hu wieħed
w ebd'allat oħrajn ma nqim!

X'naħti jiena jekk twemmini
ma jaħmilx il-logħob tal-kliem!
X'hemm ħażin li nqis u nwieżen
kif mal-ġar ngħix kwiet fis-sliem!

Imm'għaliex o Alla tiegħi,
jien mhux bniedem bħall-oħrajn?
Tajtni sura, ruħ u ħajja
u sawwartni bl-istess tajn?

Jiena nemmen, naf u nara
li quddiemek mhemmx qisien;
Inti ħlaqtna u dawwaltna
bl-istess jedd fuq l-art, fl-għajxien.

Iva ntbaħt . . . . din hija ħajti
b'dellijiet koroh u sbieħ!
Ħdejn il-qerq ta' qalb il-bniedem
x'mindaqqiet ħajrek ninsiħ! . . . .

* * *

Ma nistmerx is-swied ta' delli
imma nħobbu ma nafx kemm,
nistmerr biss il-bjuda ddellel
f'qalb għajjura tgħix fis-semm.